**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 6 ta' Lulju 2001**

**Numru 15**
**Citaz. Nru. 42/96 FDP**

**Korporazzjoni Telemalta, u b'digriet tat-22 ta' Jannar 1999, l-isem tas-socjeta` attrici ghandu jkun Maltacom plc**

**Vs**

**Pio Farrugia, u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 1996 l-Avukat Christopher Cilia u l-PL Davina Sullivan gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telefon bejn il-partijiet anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok. A, il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u disghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2395.37) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 341791;

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat a Dokument B;

Premess illi minkejja interpellat ihallas il-kont, il-konvenut baqa inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni ta' l-attur, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 u cioe` bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm2395.37 dovuti

bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessajoni mat-telefon numru 341791 skond il-prospett esebit a Dokument B, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid tat-12 ta' Mejju 1995 u bl-imghaxijiet kalkolati mill-kontijiet relattivi, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet moghti fit-22 ta' Ottubru 1996 li permezz tieghu gew nominati l-avukat Dr Christopher Cilia u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan bhala kuraturi ta' l-assenti konvenut;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-imsemmija kuraturi illi fiha huma eccepew:-

1. Illi ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u rriservaw id-dritt li jaghtu l-eccezzjonijiet fil-meritu wara li jkunu saru d-debita verifiki u jkunu kkomunikaw mal-konvenut Pio Farrugia;

U ghamlu wkoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza damet kwazi erba' snin ghan-notifika tal-konvenut li ghall-ewwel ma sabuhx u imbaghad gew mahtura deputati kuraturi biex jirrapprezentawh;

Illi s-socjeta` attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut Pio Farrugia jhallas is-somma ta' Lm2395.37 ghal kera u servizz tat-telefon skond il-prospett esebit;

Illi proprju fl-ahhar tal-proceduri xehed il-PL Noel Scerri ghas-socjeta` attrici u kkonferma l-korrettezza tal-kopja tal-ftehim esebita mac-citazzjoni meta l-konvenut talab u ottjena s-servizz tat-telefon in kwistjoni u wkoll l-istess xhud ikkonferma li fil-mori tal-kawza ma kien sar l-ebda pagament u ghalhekk l-ammont mitlub fic-citazzjoni kien ghadu kollu dovut;

Illi rrizulta wkoll illi l-kuraturi mahtura ma kienx irnexxielhom jikkomunikaw ma' Pio Farrugia ghalkemm irrizulta li kienu inghataw dettalji ta' l-indirizz tieghu izda l-istess Pio Farrugia ma kkomunikax maghhom;

Illi mix-xhieda moghtija u mid-dokumenti esebiti jidher li s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova il-pretensjonijiet taghha kontra Pio Farrugia u li

minn naha tieghu u tal-kuraturi nominati biex jirrapprezentaw l-interessi tieghu ma tressqux provi inkontrarju.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Domanda anki in vista taz-zmien li ghadda u biex saret id-debita notifika;

Tilqa' t-Tieni Domanda u tikkundanna lil Pio Farrugia ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u disghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2395.37) kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez u l-imghax mid-data ta' din is-sentenza ikunu a karigu tal-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur